**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Robert Omo**

Numru: 40/2020

Illum 17 ta' Novembru 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Robert Omo,** ta' tnejn u għoxrin (22) sena, iben Omo u Kocoret, imwieled Edostete, Nigeria fl-1 ta' Jannar 1998 u detentur tan-karta tal-identita' Taljana AX3277948, akkużat talli talli nhar it-30 ta' Settembru 2020 bejn 7.15p.m. u 8.00p.m. waqt li kien qiegħed fi Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex u/jew fil-viċinanzi;

1. Ġiegħel annimali jsofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'post pubbliku jew f'post espost u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli nhar l-1 ta' Ottubru 2020 għall-ħabta ta' 5.45p.m. u fil-ġranet ta' qabel fl-istess lok, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjeta' ta' Johnnie Xuereb u dan bi ksur tal-Artikolu 340 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja datat 12 ta' Ottubru 2020 (Dok. "BCS 13" – *a fol.* 61).

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti;

Semgħet il-provi;

Semgħet, waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2020 lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u b'hekk għalqet il-provi tagħha;

Semgħet, waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2020 lid-Difiża tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u b'hekk għalqet il-provi tagħha;

Semgħet, waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2020 trattazzjoni finali da parte tal-Ispettur Bernard Charles Spiteri għall-Prosekuzzjoni u da parte ta' Dr. Mario Scerri għall-imputat.

**<u>Il-fatti tal-każ</u>**

Dan il-każ seħħ fit-30 ta' Settembru 2020 bejn 7.15p.m. u 8.00p.m. f'razzett li qiegħed fi Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex fejn l-imputat daħal fil-proprjeta' tal-familja Xuereb u qiegħed ikun allegat li pprova jkollu x'jaqsam mad-debba magħrufa bl-isem ta' Katya. Filmat esebit fl-atti juri lill-imputat isawwat lid-debba b'oġġett iebes, jagħtiha bis-sieq u tefgħalha tyre fejn il-prosekuzzjoni qegħda ssostni li dan jammonta għal moħqrija tal-annimali.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI</u>**

**<u>Preliminari</u>**[1]

Din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jiġu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha u li jkunu magħmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-proċedura ma jistgħux jigu interpretati

[1] Il-Qorti qegħda tibbaża din l-ewwel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Maġistrat Aaron Bugeja fil-kawża il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deċiża fil-5 ta' Frar 2016

b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jiġu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiża ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jinġiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu ġew miktuba u preżentati quddiemha mill-Pulizija Eżekuttiva jew skont kif ikunu ġew miżjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkużatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irriżulta matul il-kors tal-proċess penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn ċertu ġurisprudenza fir-rigward tal-proċedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' ġurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' preġudizzju għall-proċeduri penali u għad-drittijiet tad-difiża.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull każ huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Liġi u fil-Liġi. Din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeċiedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodiċi Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Ċivili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura ċivili li m'humiex previsti mill-Kodiċi Kriminali bħala li jistgħu jiġu emanati minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

F'kull każ pero', stante li din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinċiment morali u suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiża tagħżel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-każ, huwa biżżejjed għad-difiża li tikkonviċi lil Qorti bit-teżi tagħha fuq bażi ta' konvinċiment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'każ li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħosshiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa prinċipji kardinali li jsawru l-proċediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bażilari li jistrieħ fuqhom il-proċediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiġġudika dan il-każ skont l-akkuża li ġiet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriża mill-Prosekuzzjoni u tiddeċiedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni preżentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Il-verita' storika**[2]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita' storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwassluh għal dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita' storika mit-testimonjanza tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta' u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Cioe' li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip ta' evidenza tista' tiżvija lill-Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita'.

---

[2] Ara spjega dettaljata tal-Imhallef Aaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deċiż 6 ta' Frar 2020

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali mnissla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero' jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, cioe' l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l- eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xhieda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarrku bħal xhieda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil- miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xhieda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarrġa minnhom u li fuqhom ikunu bbażaw ir-rapport tagħhom.

Konsegwentement, a differenza ta' xhieda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xhieda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero' li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl- artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero', jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xhieda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal- imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitressqu quddiemha.

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata

---

[3] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbiltajiet. Fil-każ Ingliż **Majid**,[4] Lord Moses stqarr hekk :

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[5] jgħidu s-segwenti:

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja ntlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637[6] tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti

[4] ibid.
[5] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.
[6] Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida ċara lill-Ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud:

tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imressqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar 'il fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xhieda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanti ħafna u għandu jingħata l-piż li jixraqlu.

---

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jingħad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita' (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*".

**Ikkunsidrat:**

Kif diga' ddikjarat aktar 'il fuq kuntrarjament għall-kamp ċivili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wieħed pjuttost oneruż fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li hija tressaq l-aħjar prova biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan għaliex kif jgħid il-**Manzini** fil-ktieb tiegħu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, paġna 234,

Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita' tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronunċjamenti preċedenti, sabiex imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjoni dedotta għandha tiġi pruvata *oltre* kull dubju raġjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti tagħmilha ċar li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex l-imputat jiġi ddikjarat liberat, hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. F'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-każ **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility*

*in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Il-fatt li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'għandux a priori jeskludi sejbien ta' ħtija għall-akkużi li jkunu ġew dedotti. Kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaċċetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

L-istess linja ta' ħsieb ġiet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm*

*konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t'Ottubru 2006)."*[7]

Magħmulin dawn l-espożizzjonijiet ġenerali li huma ta' rilevanza għal kull każ, iżda b'mod partikolari għall-każ odjern, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tevalwa r-reati li bihom qiegħed jiġi akkużat l-imputat u jekk tali akkużi irriżultawx ippruvati.

***Presumption of facts*** **u provi ċirkostanzjali**

Il-Qorti qabel tgħaddi biex tanalizza l-imputazzjonijiet tħoss li għandha tagħmel espożizzjoni dwar il-*presumption of facts* u l-provi ċirkostanzjali.

Fi kliem Sir Rupert Cross:

> *Presumptions of fact (*praesumptiones hominis*) are merely frequently recurring examples of circumstancial evidence, and instances which have*

[7] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deċiża fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deċiża fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deċiża fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deċiża fit-13 ta' Jannar 2016).

*already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact.*[8]

Bħala eżempju ta' prova indizzjarja li minnha wieħed jista' jiġbed konklużjoni partikolari, l-istess awtur jagħti l-eżempju tad-drawwa (*habit*):

*The fact that someone was in the habit of acting in a given way is relevant to the question whether he acted in that way on the occasion into which the court is inquiring.*[9]

U fl-edizzjoni tal-2018 ta' **Archbold** jingħad hekk dwar preżunzjonijiet ta' fatt:

These are inferences which the court may draw from the facts which are established, but it is not obliged to draw.

For example where a defendant charged with handling stolen goods is found to be in possession of those goods without any explanation, this circumstantial evidence may give rise to a provisional conclusion that the defendant is the handler of those goods.

In some cases a rebuttable presumption of law imposes a legal burden of proof which must be satisfied to the requisite standard

[8] Cross, R., Cross on Evidence Butterworths (London), 1979, p. 124. Ikkwotat mill-Prim Imħallef Vincent De Gaetano fl-Appell Kriminali Inferjuri Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda deċiż 24 ta' April, 2002: Appell Nru 228/2001

[9] ibid. p. 40.

of proof in order to rebut the presumption, whereas some presumptions merely impose an evidential burden. For example, the presumption that a machine was working properly may be rebutted by merely adducing evidence to the contrary: *Tingle, Jacobs and Co v. Kennedy* [1964] 1 W.L.R. 638. In contrast, in order to rebut the presumption, created by section 74(3) of the Police and Criminal Evidence Act 1984, that the defendant committed an offence of which he was convicted, the Court of Appeal has held that the defence must prove on the balance of probabilities that the defendant did not commit the offence: *Watson* [2006] EWCA Crim. 2308. Similarly, in *Miell* [2008] 1 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal treated s.74(3) as shifting the burden of proof onto the accused. In *C*[2011] 1 Cr.App.R. 17, however, the Court of Appeal, without reference to *Watson*, referred, at p.225, to s.74(3) as creating an "evidential presumption" and indicated that "if the defendant does adduce evidence to demonstrate that he is not guilty of the offence, it remains open to the Crown then to call evidence to rebut the denial". In *Clift* [2012] EWCA Crim. 2750 the Court of Appeal indicated that s.74(3) shifts the burden of proof to the defendant and that the prosecution is not required to prove to the criminal standard the matters covered by s.74(3). Equally, in *R. v. O'Leary* [2013] EWCA Crim 1371 the Court of Appeal held at para. 19 that, "The effect of section 74(3) is that the defendant bears the burden of proving that he did not commit the offence".

In *Zawadzka* [2016] EWCA Crim 1712, where evidence of a theft conviction committed in Poland by the defendant was admitted in a murder trial, the Court of Appeal accepted that the judge should have directed the jury that if the defendant proved on the balance of probabilities that she had not committed the offence then the jury should 'dismiss it from their minds'.

Even where a presumption imposes a legal burden of proof, if the imposition of a legal burden of proof upon the defence would give rise to a violation of art. 6(2) of the ECHR it may be necessary to read down the relevant statutory provision under section 3(1) of the Human Rights Act 1998, in line with the principles that were considered at §§ 10-11 and 10-12, *ante*, such that it merely imposes an evidential burden. Indeed, statute may expressly impose the evidential burden of rebutting a presumption upon the defendant. For example, in relation to the evidential presumptions about consent which section 75 of the Sexual Offences Act 2003 created, s.75(1) provides that:

"… the complainant is to be taken not to have consented to the relevant act unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he consented, and the defendant is to be taken not to have reasonably believed that the complainant consented unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he reasonably believed it."

It appears that the effect of this provision is that the burden of disproving the relevant issue remains on the prosecution

provided that evidence that is not merely "fanciful or speculative" has been adduced to raise the issue: *Ciccarelli*[2011] EWCA Crim. 266.[10]

Huwa minnu li fl-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fiċ-ċirkostanzi u dan a bażi tal-possibbilta'. Huwa veru wkoll li l-Qorti għandha tqis provi ċirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegati reati. Dan qed jingħad għaliex għalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-ġudikant jaċċerta ruħu li huma univoċi.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ħmistax (15) ta' Ġunju, 1998 fil-kawża fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Jason Lee Borg</u>**', fejn kien ġie ritenut li provi jew indizzji ċirkostanzjali għandhom ikunu univoċi, cioe' mhux ambigwi. Għandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reati u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li huma l-ħati u l-provi li jiġu mressqa, ikunu kompatibbli mal-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu. Illi għalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-każ li jiġi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li ġie akkużat bih u għalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat

[10] <u>Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice – 2018</u> Sweet & Maxwell (London), para. 10-15, p. 617-618.

b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawża fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'</u>**,

> *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li ipprova fatt bi precizjoni matematika."*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi.

**Archbold** jgħid:

> *"Where reliance has been placed by the prosecution on circumstantial evidence the proper approach is to determine whether a reasonable jury properly directed would be entitled to draw an adverse inference from the combination of factual circumstances by dismissing other possible explanations in relation to that evidence: Jabber [2006] EWCA Crim. 2694; G [2012] EWCA Crim. 1756. In London Borough of Haringey v. Tshilumbe, 174 J.P. 41, a senior environmental health practitioner for the local authority had affixed a hygiene emergency prohibition notice to T's premises. After the notice was affixed he returned to the premises and found a group of individuals sitting at a table eating food from plates and drinking from cans. It was alleged that T had failed to comply with the notice as he had continued to operate the premises as a food business. The magistrates held that T had no case to answer as the local authority had produced no evidence that the food and drink that were on the table had been provided to the occupants of the premises by T in the course of a food business. It was held that justices had been wrong to find that*

*there was no case to answer; it could be inferred from the circumstances that the premises were being used for a food business and the defendant should have explained himself at trial. Strong circumstantial evidence may be sufficient for the court to find a case to answer: Danells [2006] EWCA Crim. 628.*[11]

Illi din hija eżattament il-pożizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgħa ta' Jannar, 1998 fil-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**'.

Din il-Qorti tħoss u tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħal katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni[12].

**XHIEDA**

F'dan il-każ xehdu ħames xhieda:

Jonathan Mizzi (a fol. 30), Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 62 et seq.), Johnnie Xuereb (a fol. 66 et seq.), Andrew Xuereb (a fol. 71 et seq.) u l-imputat Robert Omo (a fol. 77 et seq.).

*Stante* li x-xhieda tinsab kollha traskritta u tinsab parti minn dan il-proċess m'hemmx lok li tkun riprodotta f'din is-sentenza.

---

[11] Ibid. Pg. 533 para 8-119

[12] Il-Qorti fliet fid-dettal l-argumenti miġjuba fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Abdellah Berrard et** mogħtija mill-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera fid-19 ta' Mejju 2014

**Il-filmat esebit**

Prova kruċjali f'dan il-każ hu l-filmat mis-CCTV esebit f'dawn l-atti **DOC BCS 11** u r-rapport tal-**espert tekniku Jonathan Mizzi** li anke ħareġ l-istills parti mir-rapport tiegħu **DOK JM1** a fol 31 et seq. tal-proċess.

Fil-ktieb *Electronic Evidence*[13], Stephen Mason jispjega li:

> *"Surveillance cameras are very much part of life in the twenty-first century, the foundations of which began in the latter decades of the twentieth century. Evidence of images from security cameras can be very helpful in identifying the perpetrators of crime, and the enhancement of the images, together with the use of more advanced techniques such as facial mapping, can help to identify parties to an offence."*

Il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jgħid il-**Blackstone** fl-edizzjoni tal-2016 fejn meta jitkellem dwar ritratti, video recordings u films jgħid li:

> *"A photograph (or film) the relevance of which can be established by the testimony of someone with personal knowledge of the circumstances in which it was taken (or made), may also be admitted to prove the commission of an offence and the identity of the offender."*[14]

Il-Qorti se tgħaddi biex tanalizza l-prova tal-filmat esebit in atti. Illi fir-regoli illi tfasslu f'kawża **R vs Turnbull** fl-Ingilterra, li għalkemm ma jikkostitwixxu l-ebda regola taħt il-liġi Maltija, huma linji gwida fil-każ tal-identifikazzjoni tal-persuna akkużata. Illi dan ġie ukoll sottolinjat f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Stephen Zammit** (deċiża

---

[13] Ippubblikat minn LexisNexis U.K. it-tieni edizzjoni ppubblikata fl-2010 pg. 345 para. 10.91

[14] Pg. 2545 f'*Real Evidence* F8.58

16 ta' Lulju 1998) fejn il-Qorti tat espożizzjoni tar-regoli Turnbull fid-deċiżjoni tagħha:

*"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is*

*such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognize someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger.*

Illi fil-ktieb tiegħu Cross, **On Evidence** ($6^{th}$ edition) huwa jagħti definizzjoni ta' dak imsejjaħ bħala real evidence:

*'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ...*

*Although it was devised by Bentham and adopted by Best, 'Real evidence' is not a term which had received the blessing of common judicial usage. There is general agreement that it covers the production of material objects for inspection by the judge or*

***jury in court, but it is debatable how much further the term should be extended'.***

Cross imbagħad jgħaddi sabiex jagħti diversi eżempji ta' dak illi jikkostitwixxi "real evidence" u fost dawn l-eżempji huwa jinkludi automatic recordings u jgħid:

***'Most discussion has hitherto centred on the admissibility of tape-recordings, but this has now been supplemented by a thin trickle of authority on the admissibility of other media such as film, video-tape and computer output. In all of these cases the evidence is real evidence when it is tendered to show what it was that was recorded'.***

L-awtur Murphy, imbagħad fil-ktieb tiegħu 'A Practical Approach to Evidence' (3rd Ed) jagħti din id-definizzjoni ta' 'Real evidence' (fol. 7):

***'A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court***

*may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. ...*

*'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.*

Ikompli:

*'The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'.*

Fil-kawża **Taylor vs Chief Constable of Cheshire** (1986), Ralph Gibson LJ ighid:

*'Where there is a recording, a witness has the opportunity to study again and again what may be a fleeting glimpse of a short incident, and the study may affect greatly both his ability to describe what he saw and his confidence in an identification.*

*When the film or recording is shown to the court, his evidence and the validity of his increased confidence, if he has any, can be assessed in the light of what the court itself can see'"*

Illi fil-każ fl-Ingilterra **R vs Murphy and Maguire** (1990) il-Qorti stqarret:

*"We consider that the Turnbull guidelines should be applied and adopted as far as appropriate by a judge in a Diplock court to his assessment of the weight to be given to visual identification made from a video film, whether that identification purports to be made by a witness or witnesses, or by the judge himself. We see nothing in principle to justify a distinction between the consideration of the identification evidence of a bystander and that of a witness or judge who identifies from a video film screen. The imperfections of human observation, the dangers of suggestibility and the possibilities of honest mistake even by a plurality of witnesses still arise and justify the need for special caution before convicting."*

**Illi fil-każ in diżamina ma tqumx il-kwistjoni dwar l-identifikazzjoni tal-persuna tal-imputat fil-filmat esebit. Il-Prosekuzzjoni ressqet provi dwar min għaddilhom il-filmat, liema chain of custody kienet ikkonfermata mix-xhieda li taw il-missier Andrew u ibnu John Xuereb. Il-Qorti eżaminat dan il-filmat bir-reqqa biex tara dan jistax jgħinha fid-deliberazzjoni tagħha biex tiddeċiedi dan il-każ sintendi mqabbel max-xhieda tal-missier u tal-iben u dik tal-imputat.**

**Fil-filmat jidher imiss lid-debba u jniżżel il-qalziet li kien liebes, jidher wara d-debba u jibqa' jimxi qrib tagħha. Wara jidher itella' l-qalziet, joħrog minn ħdejn l-istalel ipejjep sigarett. Jerġa' jidħol lura fl-istalel u jmur lejn fejn kienet id-debba li ċċaqalqet minn postha fejn kienet qabel. L-imputat jidher isawwat lid-debba u anke jagħtiha bis-sieq u b'oġġett iebes. Jidher jerġa' joħrog mill-istalel, jidher jiġbor tyre, jerġa' jidħol fejn kienet id-debba u jwaddab it-tyre lejn id-debba.**

**<u>Moħqrija fuq l-annimali</u>**

Illi l-imputat jinstab mixli prinċipalment b'imputazzjoni regolata mill-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439).

Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet il-**Pulizija vs Leon Borg** deċiża fit-12 ta' Mejju 2020 u il-**Pulizija vs Noel Attard** deċiża fl-1 ta' Settembru 2020.

L-artikolu 8(2) li jiddisponi illi:

> *(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.*

Bl-emenda introdotta bl-Att XXXV tas-sena 2014 ġie speċifikat f'aktar dettal liema passi għandhom jittieħdu minn min ikun qed jieħu ħsieb annimal biex jiżgura illi kull annimal ikollu kull ma jinħtieġ, inkluż ambjent adegwat u ikel xieraq fost oħrajn. Bl-introduzzjoni ta' dan is-subparagrafu il-Leġislatur ried jiċċara l-interpretazzjoni tal-artikolu 8

sabiex jinkorpora diversi xenarji differenti u li n-nuqqas tagħhom jistgħu indubjament iwasslu għat-tbatija, mard jew uġiegħ tal-annimal miżmum.

Il-piena għal dan ir-reat tiġi regolata mill-artikolu 45 tal-istess Att. Illi mbagħad l-artikolu 2 tal-Att tagħti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi l-moħqrija fejn jingħad illi:

> *''**moħqrija**'', fir-rigward ta' annimal, tfisser li ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa;*

Hekk kif il-maġġoranza tal-Maltin u l-Għawdxin iħobbu l-annimali u dawk li jrabbu l-annimali domestiċi qiegħed dejjem jiżdied. Għandu minnufih jintbagħat messaġġ b'saħħtu lil dawk il-persuni li jwettqu atti ta' moħqrija fuq l-annimali, għaliex dawn l-atti mhux aċċettabbli.

> *Minn dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti jidhrilha li annimal jista' jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija, jew dwejjaq bla bżonn jew li jiġi abbandunat kemm b'azzjoni ta' kommissjoni kif ukoll b'azzjoni t'omissjoni. Tista' tabbanduna annimal billi tkeċċih fiżikament minn daru daqskemm tista' tabbanduna annimal billi tonqos milli titimgħu u tagħti kasu. Tista' ġġegħlu jbati billi ttih ikel li ma jkunx tajjeb għalih, daqskemm tista' ġġegħlu jbati billi tonqos milli ttih biżżejjed ikel tajjeb għalih. Tista' ġġegħlu jbati wġiegħ billi ssawtu fiżikament daqskemm*

*tista' ġġegħlu jbati wġiegħ billi ma ttiħx il-kura veterinarja meħtieġa għal mard jew ġrieħi li jkollu*[15].

L-Imħallef Michael Mallia fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija (Sp. Fabian Fleri) vs Joseph Galea**[16] kien daħal f'dettal meta evalwa l-moħqrija tal-annimali wara l-każ li qajjem furur wara l-moħqrija u l-qtil tal-kelba Star *"L-istorja aggjaccanti illi xxukkjat nazzjon tal-kelba "Star", dan il-kaz partikulari fejn kelba ohra intremiet hajja fi skip ta' l-iskart u thalliet hemmhekk ghal tnax (12) –il siegha shah f'tereturi mmaginabbli sakemm kumbinazzjoni nstabet minn persuna li kien ghaddej vicin dan l-iskip. Il-kaz ta' klieb u qtates imsamrin fuq kurcifiss imhallija mdendla ma xi kancell jew grada, Zwiemel tal-karozzini mhallijin ghal sighat twal weqfin taht il-qilla tax-xemx minghar protezzjoni biex jaghtu sodisfazzjon ta' ftit flus lil sidhom. Klieb imhollija marbuta minghar protezzjoni ghall-elementi, sajf u xitwa. Il-glied tal-klieb organizzat b'mod kalndestin illi minn zmien ghal zmien jitfacca ghal skrutinju mistmerr tal-pubbliku. U fl-ahhar u xejn inqas il-qtil ta' l-annimal ghal divertiment tal-bniedem."*

L-għaref politiku u kbir statista Mahatma Gandhi darba kien qal illi l-kburija ta' pajjiż huwa meqjus mill-mod kif il-pajjiż jitratta l-annimali tiegħu. Sfortunatament f'dan il-kuntest il-poplu Malti ma tantx għandu għalxiex jiftaħar fejn minn żmien għal żmien qegħdin joħorgu rapporti u ċirkostanzi ta' moħqrija ta' annimali illi jiddisturbaw il-kuxjenza tal-

---

[15] Appell numru 146 tal-2019 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Carmelo ZAMMIT** deċiż mill-Imhallef Aaron Bugeja fit-12 ta' Novembru 2019

[16] Appell Kriminali Numru. 396/2011 deċiż fid-29 ta' Mejju 2013 kien daħal f'dettal meta evalwa l-moħqrija tal-annimali wara l-każ li qajjem furur tal-kelba Star.

maġġoranza li għandhom għal qalbhom il-ġid jew kif inhu magħruf bl-Ingliz "*well being*" tal-annimali.

L-annimali wkoll għandhom id-drittijiet tagħhom u bażikament huma maqsuma f'ħames taqsimiet:

1. Li jiġu meħlusa mill-ġuħ u mill-għatx billi jkun hemm aċċess għall-ilma tax-xorb potabli u dieta biex tassigura s-saħħa tal-annimal.
2. Li ma jkunux soġġetti għal diżagi u skonfort billi jiġi provdut ambjent siewi nkluż lquħ mill-elementi u post fejn jistgħu jistrieħu.
3. Li ma jkunux soġġetti għall-uġigħ, feriti u mard bi prevenzjoni u trattament veterinarju fejn meħtieġ.
4. Li jkunu jistgħu jgħixu l-ħajja normali tagħhom billi jiġi provdut spazju, faċilitajiet adekwati u jkunu esposti għal annimali oħra tal-ispeċi tagħhom.
5. Li jkunu ħielsa mill-biża' u piena billi jkunu assigurati kundizzjonijiet u trattament illi jevitaw tbatija.

Il-konsegwenza ta' dawn id-drittijiet mhuwiex li l-bniedem jista' juża u jiddisponi mill-annimali kif irid u kif jogħġbu iżda għandu r-responsabbilta' li jassigura li dawn id-drittijiet jiġu mħarsa.

Fil-filmat esebit u analizzat minn din il-Qorti jidher b'mod ċar l-imputat iwaddab ir-rim u tyre lejn id-debba. Il-Qorti ma temminx dak li qal l-imputat li hu kellu bżonn jinqeda, (żgur li biex jinqeda u fix-xhieda tiegħu qal x'għamel ma kellux għalfejn iniżżel il-qalziet biex jagħmel dan u kellu fil-viċin fejn seta' jinqeda kieku kien veru dak li qal) u d-debba bdiet

tersaq lejh biex tixrob dak li kien qiegħed jagħmel. L-imputat jidher javviċina aktar minn darba lejn id-debba, kif kien spjegat aktar 'il fuq fejn ħareġ u daħal aktar minn darba, u avviċina lid-debba fi bnadi differenti fejn imxiet.

Il-Qorti meta analizzat il-provi jirriżulta li kien hemm moħqrija tad-debba. Sawwatha, taha bis-sieq, waddab ir-rim, u waddab it-tyre u għalhekk se tinstab ħtija fuq l-ewwel imputazzjoni.

**<u>Att leziv tal-pudur jew tal-morali magħmul f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku</u>**

Kwantu għar-reat konsistenti f'att leżiv tal-pudur jew tal-morali magħmul f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku (Art. 209), il-fatti jridu jiġu eżaminati anke fid-dawl tar-reat (kontravvenzjoni) kompriż u involut fl-imsemmi Artikolu 209, cioe' l-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali – "*Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min…b'xi mod iehor mhux provdut f'dan il-Kodici, joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika…*".

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet l-**Pulizija vs Michael Borg** deċiża mill-Prim Imħallef Vincent De Gaetano fl-10 ta' Settembru, 2007[17]:

[17] Appell Kriminali Numru. 29/2007

Din il-Qorti kif preseduta diġa' kellha l-opportunita' li teżamina d-differenza bejn id-delitt kontemplat fl-Artikolu 209 u l-kontravvenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(bb) fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Raymond Caruana**. F'dik is-sentenza ġie osservat li l-liġi tagħna, fl-Artikolu 209, evitat l-ispeċifikazzjoni ta' attijiet ta' libidini jew impudiċi jew oxxeni, u kkuntentat bil-lokuzzjoni ta' att li "*joffendi l-pudur jew il-morali*". Ghalhekk huwa biżżejjed għall-finijiet ta' dan ir-reat li l-att ikun tali li joffendi s-sens ta' diċenza fi grad tali li wieħed jista' jgħid li jnissel, jew jista' jnissel, "*un senso di disagio, disgusto o ripulsione*." L-element intenzjonali hu sodisfatt jekk l-att offensiv tad-diċenza fil-grad imsemmi jkun volontarju, bla ma hu meħtieġ id-dolo speċifiku, cioe' l-intenzjoni speċifika li wieħed joffendi. Id-differenza, imbagħad, bejn id-delitt taħt l-Artikolu 209 u l-kontravvenzjoni taħt l-Artikolu 338(bb) hija waħda ta' grad, b'wieħed mill-kriterji ta' distinzjoni li ġew suġġeriti jkun dak ta' jekk l-att fih innifsu jkunx wieħed li intrinsikament joffendi d-diċenza u jkun magħmul deliberatament sabiex min jagħmlu jagħti sfog għall-volji laxxivi tiegħu jew ta' ħaddiehor, jew jekk ikunx l-effett ta' żbadatezza jew ta' non-kuranza jew ta' nuqqas ta' rigward[18] . Pero' taħt iż-żewġ disposizzjonijiet irid ikollok għall-anqas, u bħala minimu, offiża għad-diċenza pubblika. Id-diċenza pubblika ġiet definita bhala "*quel minimo di convenienza e di decoro che deve presiedere nei rapporti fra i consociati, secondo il grado di civilta` di un popolo in un determinato momento storico.*"[19] Għall-

[18] Ara f'dan is-sens ukoll, Il-Pulizija v. Kevin Pepe App. Krim. 11/7/1995.
[19] Ara Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I Giuffre` ed. (Milano), 1986, p. 457.

finijiet tal-kunċett ta' diċenza pubblika, bħalma anke fil-każ tal-pudore pubblico, wieħed irid iżomm bilanċ biex jevita eċċessi minn naħa u traskuraġni (fis-sens li kollox ikun jgħaddi) min-naħa l-oħra:

> *"Il pudore tutelato dalla legge e certamente quello altrui, e cioe` delle persone che possono venire a conoscenza delle manifestazioni impudiche. In questo senso si parla di pudore pubblico, il che puo` ammettersi, purche` resti ben chiaro che non si tratta di un sentimento della collettivita`, diverso da quello degli individui che la compongono, bensi` del sentimento dei singoli, considerato in quanto ad essi e` comune. Che questo sia la portata del pudore protetto dalla legge e` reso manifesto dalla definizione sopra riferita, nella quale si fa riferimento al 'comune sentimento'. Se ne deduce l'importante conseguenza che il concetto di pudore, e correlativamente quello di oscenita`, non va determinato in rapporto alla sensibilita` dei singoli eventualmente offesi, sensibilita` che puo` essere ed e` diversissima,* ***ma in base al sentimento medio del popolo in un determinato momento storico****. Adottando questo criterio, il legislatore…ha voluto evitare ogni eccesso di persecuzione ispirantesi alle pruderie (ossia ad un puritanismo tanto esagerato qunato ipocrita) e proteggere 'la sensibilita` etica dei consociati, secondo una equilibrata concezione della vita umana e sociale'."*[20]

[20] Antolisei, F. op.cit. p. 455 – sottolinear ta' din il-Qorti

Mill-kumpless tal-provi din il Qorti ma tista' tirravviża ebda offiża għad-diċenza pubblika fl-egħmil tal-imputat, wisq anqas għalhekk xi offiża għall-pudur.

Wieħed jista' jifhem ukoll il-preokkupazzjoni ta' Xuereb li l-imputat seta' kien qiegħed iwettaq xi atti ta' bestjalita' mal-bhima tagħhom. Pero' altru tali preokkupazzjoni, fiha nnifisha tista' tkun leġittima, u altru wieħed jitkellem dwar reat (delitt jew kontravvenzjoni li jkun) fejn wieħed irid jassigura ruħu li hemm l-estremi ta' dak ir-reat.

Il-Qorti tista' tifhem li l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat bit-tieni imputazzjoni minħabba li f'pajjiżna m'hawnx regolamentazzjoni fejn jidħlu atti sesswali tal-persuni mal-annimali, iżda l-ingredjenti li jwasslu għal ħtija huma differenti minn dak li xlew lill-imputat bih. Fl-Ingilterra hemm leġislazzjoni speċifika fejn Section 69 tas-Sexual Offences Act 2003 jipprovdi kontra dawn l-atti u min jinstab ħati jista' jeħel sa massimu ta' 12-il xahar priġunerija. Skont informazzjoni li ngħatat mill-Ministeru tal-Ġustizzja Ingliz permezz ta' Freedom of Information Act (FOIA) Request 171012002 bejn l-2007 u l-2016 kien hemm 27 persuna li nstabu ħatja li kellhom atti sesswali mal-annimali.

**<u>Vjolazzjoni ta' proprjeta' privata</u>**

L-imputat jinstab ukoll akkużat bir-reat kontravenzjonali ta' vjolazzjoni ta' proprjeta' privata bi ksur tal-artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali: *bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta'*

*ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi.*

Kif ġie deċiż fl-appell fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Emanuel Vella**, deċiża nhar is-6 ta' Jannar 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

> Il-hsara kontemplata fl-Artikolu 340(d) tavvera ruhha kull darba li, bil-vjolazzjoni tal-prorpjeta` li tkun saret, is-sid jew id- detentur ta' dik il-proprjeta` jkun sofra xi pregudizzju anke jekk mhux kwantifikabbli fi flus jew li ma jkunx jikkonsisti fi hsara materjali. In fatti f'dan is-sens hija aktar korretta l-espessjoni wzata fit-test Ingliz tad-disposizzjoni in dizamina – "*...to the prejudice of the owner or holder thereof...*". Hekk, per ezempju, gie ritenut li anke s-semplici skomodu li wiehed irid joqghod inehhi karta mwahhla fuq il-windscreen ta' vettura qabel ma jkun jista' jibda jsuqha jammonta ghall-hsara ravvizata fl-Artikolu 340(d) (Il-**Pulizija v. Gianni Nicola Cassar**, Qorti Kriminali, 1/3/1958 – f'dan il-kaz il-vjolazzjoni kontra l-proprjeta` kienet tikkonsisti fis-semplici manumissjoni tal-vettura biex titwahhal il-karta).
>
> Hekk ukoll fil-każ Il-**Pulizija v. Philip Agius** (Qorti Kriminali, 25/1/1958) gie ritenut li l- hsara in kwistjoni tista' tikkonsisti semplicement filli xi hadd jezercita dritt fuq bicca art b'menomazzjoni tad-drittijiet tas-sid jew tad-detentur ta' dik l-art. Gie ritenut ukoll li meta bejn il-gabillotti jkun hemm arrangamenti dwar, fost affarijiet ohra, moghdijiet, l-invazjoni tar-raba' tammonta ghal hsara fis-sens ta' l-imsemmija disposizzjoni u dan

peress li tali invazjoni tiddisturba l-imsemmija arrangamenti li jirregolaw id-drittijiet ta' l-istess gabillotti inter se (Il-**Pulizija v. Anthony Gauci et**, Qorti Krminali, 19/4/1958).

Huwa veru li fil-kaz de quo, u skond id-deposizzjoni ta' l-istess appellant, fil-25 ta' Frar tas-sena l-ohra kienet l-ewwel darba li huwa kien dahal minn fuq il-passagg imsemmi bil-vettura fix-xitwa; pero` huwa veru wkoll li f'cirkostanzi simili Vincent Buhagiar ghamel sew li rreagixxa tempestivament bi kwerela u dana minhabba l-biza li, kif jinghad, "jitrabba l-gust". Ghalhekk ma hix korretta t-tezi ta' l-appellant li l-hsara trid tkun "materjali" u "effettiva" (kif jidher li gie ritenut fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-18 ta' Lulju, 1949 fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Grazio Mifsud**) jekk b'dawn iz-zewg kelmiet wiehed jeskludi l-prejudizzju b'mod generali kif aktar 'l fuq imfisser. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti tara li s-sentenza ta' l-ewwel qorti ghandha tigi konfermata.

Fl-appell kriminali Il-**Pulizija vs. Kisinchand Mohnani**, mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Edwina Grima, ġie mistqarr obiter is-segwenti : -

*Meta mistoqsi fix-xiehda tieghu jekk huwa dehrlux allura li ghandu xi dritt li jokkupa dan l-ispazju, huwa jichad anzi l-parti leza stess ighidu fix-xiehda taghhom li meta kellmu lill-appellant u tallbuh inehhi din il-merkanzija mill-partijiet komuni huwa ma qalilhomx li ghandu dritt jaghmel dan izda semplicement illi dan kien xoghol l-impjegati tieghu li*

*sar ad insaputa tieghu. Ma hemmx l-icken prova in atti allura illi l-appellant kellu l-kredenza li qed jagixxi bi dritt meta dawn l-affarijiet tħallew barra fil-passagg. Li hu qed jikser l-obbligi kuntrattwali tiegħu huwa evidenti, kif inhu evidenti ukoll illi bit-tqeghid tal-merkanzija fil-proprjeta ta' haddiehor huwa hati tar-reat kontravvenzjonali mahsub fl-artikolu 340(d)*

F'dan il-kuntest partikolari l-azzjoni invażiva tal-imputat tirriżulta u l-prosekuzzjoni rnexxielha tressaq provi biżżejjed biex tinstab ħtija dwar din l-imputazzjoni kemm mix-xhieda li ngħatat mill-missier u l-iben, kif ukoll mill-filmat esebit.

**IL-"MISTIEDNA" U L-ORDNI PUBBLIKU**

Il-Qorti terġa' ttenni li ma taqbilx li min ikun f'pajjiżna bħala mistieden, hux għal vaganza, għan-negozju, għax-xogħol, għall-istudju jew jekk persuna jingħata xi forma ta' protezzjoni ma jimxix b'mod strett mal-liġijiet ta' pajjiżna.

Dak li qegħda tgħid din il-Qorti kienet qalitu l-Qorti tal-Appell Kriminali tmintax-il sena ilu fid-19 ta' Frar, 2004 fil-każ fl-ismijiet Il-**Pulizija (Spettur C. Pullicino) (Spettur Robert Gregory) vs Mohamed Elbozidi**[21] fejn l-Imħallef Joe Galea Debono qal:

*F'dan il-kaz din il-Qorti ma tistax ma tosservax li dan ir reat hu tipiku ta' kazijiet ta' kriminalita' importata, li kull ma jmur qed isiru aktar*

[21] Appell Kriminali Numru. 1/2004

*prevalenti f'pajjizna u fejn cittadini ta' pajjizi ohra jabbuzaw mill-ospitalita' li testendilhom is-socjeta' Maltija w - minnflok ma josservaw il-ligijiet tal-pajjiz li qed jospithom - sahansitra jinfexxu f'delitti li jimminaw l-industria turistika ta' Malta billi jisirqu w jassaltaw turisti kbar u zghar u b' hekk jatu isem hazin lill-pajjiz minkejja l-isforzi kollha li l-awtoritajiet ikunu qed jaghmlu biex jattiraw turisti lejn dawn il-Gzejjer. Il-Qrati ma jistghux jittraskuraw il-hsara li dawn it-tip ta' reati jirrekaw lill-wahda mill-aktar industriji importanti tal-pajjiz u ma jistghux jittrattaw ma dawn il-kazi leggerment.*

Huma l-minoranza assoluta tal-"mistiedna" fostna li jiġu jaqgħu u jqumu mil-liġijiet ta' pajjiżna. Dawn il-ftit qegħdin jagħmlu ħsara kbira ħafna għaliex qegħdin jitfgħu dell ikrah fuq oħrajn li jgħixu ħajja eżemplari.

Dwar dawn il-ftit il-Qorti tħeġġeġ lill-awtoritajiet biex jużaw il-poter li tagħtihom il-liġi u ma jiddejqux jieħdu passi drastiċi kontra dawn inkluż li jitkeċċew minn pajjiżna kif tippermettilhom il-liġi.

Kap 217 l-**Att dwar l-Immigrazzjoni** f'Artikolu 5 jiddefenixxi min huma l-immigranti "projbiti":

**5.** *(1) Kull persuna, li tkun waħda li ma jkollhiex id-dritt ta' dħul, jew ta' dħul u residenza, jew ta' moviment jew transitu taħt it-Taqsimiet preċedenti, tista' tiġi rifjutata milli tidħol, u jekk hija tiżbarka jew tkun qegħda f'Malta mingħajr il-permess tal-Uffiċċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, hija tkun immigrant projbit.*

*(2) Anke jekk tkun niżlet l-art jew tkun f'Malta bil-permess tal-Uffiċċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jew tkun ingħatat permess għal residenza, persuna tkun, kemm-il darba ma tkunx eżentata taħt dan l-Att minn xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin jew ikunu japplikaw dwaru regoli speċjali taħt id-disposizzjonijet ta' qabel ta' dan l-Att, immigrant projbit ukoll -*

*(a) jekk ma tkunx tista' turi illi għandha l-mezzi biex tmantni lilha nnifisha u lid-dipendenti tagħha (jekk ikollha) jew jekk ikun hemm probabbilta` li hi jew xi ħadd mid-dipendenti tagħha ser ikunu ta' spiża għal kariga tal-fond pubbliku; jew*

*(b) jekk tkun tbati minn diżordni mentali jew tkun mentalment defiċjenti; jew*

*(c) jekk, meta tkun niżlet l-art f'Malta skont jew taħt xi regolament magħmul bis-saħħa tal-artikoli 44 u/jew 50 tal-Ordinanza dwar it-Tħaris mill-Mard, tkun għada f'Malta wara li jgħaddu ħmistax-il jum mill-jum li fih is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jkun iċċertifika bil-miktub illi l-permanenza ta' dik il-persuna f'Malta mhix iżjed meħtieġa skont u għall-iskop ta' dawk ir-regolamenti; jew*

*(d) jekk tinstab ħatja minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali f'Malta ta' reat kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni jew tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew ta' xi delitt, minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna, li fil-każ tal-ewwel delitt ikun kommess minn dik il-persuna suġġett għal piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sena jew, fil-każ tat-tieni delitt jew delitt sussegwenti kommess mill-istess persuna, ikun suġġett għal piena ta' priġunerija*

*għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur; jew (e) jekk tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu; jew (f) jekk ma tħarisx jew ma tibqax tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet, inkluża kondizzjoni mifhuma, li taħthom tkun ingħatat permess li tinżel l-art jew li tinzel l-art u tibqa' f'Malta jew tkun ingħatat permess għal residenza; jew (g) jekk xi ċirkostanza li wasslet għall-għoti ta' permess biex tinżel l-art jew biex tinżel l-art u tibqa' f'Malta jew għall-estensjoni ta' dak il-permess jew għall-għoti ta' permess għal residenza, ma tibqax teżisti; jew (h) jekk dik il-persuna tkun prostituta; jew (i) jekk tkun dipendenti ta' persuna li hija immigrant projbit skont xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu.*

Kap. 420 l-**Att dwar ir-Refuġjati**, Artikolu 10 (2 jipprovdi li l-Ministru jista' jirrevoka jew jiċħad milli jġedded il-protezzjoni mogħtija lil rifuġjat meta:

*1. (a) jkun hemm raġunijiet validi biex jikkunsidrah bħala perikolu għas-sigurezza ta' Malta;*
*2. (b) billi jkun instab ħati b'sentenza li tkun daħlet f'ġudikat ta'xi reat li jkun wieħed partikolarment gravi, huwa jkun ta' periklu għall-komunità f'Malta.*

Artikolu 11 jipprovdi li l-Ministru jista' jordna t-tkeċċija minn Malta ta' rifuġjat jew persuni mogħtija protezzjoni sussidjarja abbażi tas-sigurezza nazzjonali jew l-ordni pubbliku.

Artikolu 17(1) jgħid li persuna hija eskluża milli tkun eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja meta jkun hemm raġunijiet gravi biex jiġi kkunsidrat li:

hija tkun ta'periklu għall-komunita' jew għas-sigurezza ta' Malta:

Dan kien trattat ukoll fil-Qorti Ewropea ta' Lussimburgu fejn fil-kaz **H. T. V Land Baden-Wuṙttemberg**[22] deċiż fl-24 June 2015 ntqal li:

> Council Directive 2004/83/EC of 29 April 2004 on minimum standards for the qualification and status of third country nationals or stateless persons as refugees or as persons who otherwise need international protection and the content of the protection granted must be interpreted as meaning that a residence permit, once granted to a refugee, may be revoked, either pursuant to Article 24(1) of that directive, where there are compelling reasons of national security or public order within the meaning of that provision, or pursuant to Article 21(3) of that directive, where there are reasons to apply the derogation from the principle of non-refoulement laid down in Article 21(2) of the same directive.

[22] Case C-373/13 - REQUEST for a preliminary ruling under Article 267 TFEU from the from the Verwaltungsgerichtshof Fl-istessBaden-Wuṙttemberg (Germany), made by decision of 27 May 2013, received at the Court on 2 July 2013

Fl-istess deċiżjoni l-Qorti reġgħet spjegat dwar l-interpretazzjoni ta' x'jikkostitwixxi bħal sigurta' pubblika u ordni pubbliku kif imniżżla f'Artikoli 27 u 28 tad- Direttiva 2004/38:

*"However, the Court has already had an opportunity to interpret the concepts of 'public security' and 'public order' contained in Articles 27 and 28 of Directive 2004/38. While that directive pursues different objectives to those pursued by Directive 2004/83 and Member States retain the freedom to determine the requirements of public policy and public security in accordance with their national needs, which can vary from one Member State to another and from one era to another (judgment in* ***I.****, C-348/09, EU:C:2012:300, paragraph 23 and the case- law cited), the extent of the protection a company intends to afford to its fundamental interests cannot vary depending on the legal status of the person that undermines those interests.*

*Therefore, in order to interpret the concept of 'compelling reasons of national security or public order' contained in Article 24(1) of Directive 2004/83, it should first be taken into account that it has already been held that the concept of 'public security' contained in Article 28(3) of Directive 2004/38 covers both a Member State's internal and external security (see, inter alia, judgment in* ***Tsakouridis****, C-145/09, EU:C:2010:708, paragraph43 and the case-law cited) and that, consequently, a threat to the functioning of the institutions and essential public services and the survival of the population, as well as the risk of a serious disturbance to foreign relations or to peaceful coexistence of nations, or a risk to military interests, may affect public security*

*(judgment in **Tsakouridis**, C-145/09, EU:C:2010:708, paragraph 44). In addition, the Court has also held, in that context, that the concept of 'imperative grounds of public security' contained in Article28(3) presupposes not only the existence of a threat to public security, but also that such a threat is of a particularly high degree of seriousness, as is reflected by the use of the words 'imperative reasons' (judgment in **Tsakouridis**, C-145/09, EU:C:2010:708, paragraph 41).*

*Next, it is important to note that the concept of 'public order' contained in Directive 2004/38, in particular in Articles 27 and 28 thereof, has been interpreted in the case-law of the Court as meaning that recourse to that concept presupposes, in any event, the existence, in addition to the perturbation of the social order which any infringement of the law involves, of a genuine, present and sufficiently serious threat affecting one of the fundamental interests of society (see, to that effect, judgment in Byankov, C-249/11, EU:C:2012:608, paragraph 40 and the case-law cited)."*

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Riċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[23] daħlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:

Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija

[23]Appell numru 96/2019 deċiż Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:

(a) Retributtiv;

(b)Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi s-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta′ bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta′ teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita′ tagħha.

L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għall-biża li s-sanzjoni li tkun tista′ tingħata toħloq f′moħħ is-soċjeta′, b′mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi ta′ għemilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

L-**aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta′ natura ġenerali u l-ieħor ta′ natura speċali. L-**effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta′ tiġi kemm jista′ jkun imrażżna milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**aspett preventiv speċjali**

huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta' titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita' dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-soċjeta' milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-membri fi ħdan soċjeta' li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm l-**<u>aspett riedukattiv u rijabilitattiv</u>** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta' in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu nnifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wassluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta' bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **<u>effetti riedukattivi u korrezzjonali</u>** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta', billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

Illi in linea ġenerali jibda biex jingħad li:

*l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu*

*jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[24]

Illi ċ-ċirkostanzi ta' kull każ huma partikolari għal dak il-każ u normalment ivarjaw radikalment miċ-ċirkostanzi ta' kull każ ieħor. Huwa impossibbli għal-leġislatur li jipprevedi dawn iċ-ċirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (għal kull reat) piena speċifika għal kull sensiela ta' ċirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa proprju għalhekk illi għal kull reat il-Liġi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni tagħha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ, tipprova ssib dak il-bilanċ ġust bejn d-diversi skopijiet li għandhom jintlaħqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba ħatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni għandha ssir biex jiġi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-ġustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruħha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza mogħtija fil-kawża Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[25] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma*

[24] Ref Ir-Repablika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deċiż 28.11.2006.
[25] Deċiża fit-13 ta' Novembru 2009.

*jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Il-Qorti tirreferi għal dak dikjarat mill-***Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017***:

*Sentencing can range from a relatively complex task to a relatively straightforward one. At its most difficult, it is a complex balance in which conflicting goals have to be addressed.*

*Section 142*[26] *of the 2003 Act requires every court to have regard to five specified purposes—punishment, reduction of crime, reform and*

[26] Any court dealing with an offender in respect of his offence must have regard to the following purposes of sentencing—

- (a) the punishment of offenders,
- (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence),
- (c) the reform and rehabilitation of offenders,

*rehabilitation, protection of the public and the making of reparation to those affected by the offence.*[27]

L-Artikolu 45(1) tal-istess Kap.439 jipprovdi dawn il-pieni:

*(1) Kull persuna li tikser id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti maghmulin tahtu tehel, meta tinsab hatja:*

*(a) meta tinstab hatja ghall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000), izda mhux izjed minn hamsa u hamsin elf euro (€55,000), jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, jew dik il-multa u prigunerija flimkien.*

*(b) meta tinstab hatja ghat-tieni darba jew aktar, multa ta' mhux anqas minn hamest elef euro (€5,000), izda mhux izjed minn tmenin elf euro (€80,000), jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, jew dik il-multa u prigunerija flimkien.*

**DECIDE:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah, u wara li rat is-sub indiċi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 8 u Artikoli 45(1) tal-Kap. 439 l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali u l-Artikolu 340(d)  tal-Kap 9 issibu ħati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni u tikkundannah għall-**<u>piena ta' sena priġunerija u multa</u>**

- (d) the protection of the public, and
- (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offences.

[27] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017 pg. 1628: 22-1

**<u>komplessiva ta' tlett'elef ewro (€3000)</u>**, liema multa jekk ma titħallasx fi żmien tlett xhur għandha tkun konvertita fi priġunerija.

Il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas ukoll tlett mija u erbgħa u tmenin ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€384.26) bħala spejjeż peritali[28] skont kif jipprovdi Artiklu 533 tal-Kodiċi Kriminali u dan fi żmien tlett (3) xhur millum.

***Inoltre,*** tħeġġeġ lill-Bord tal-Appelli tar-Refuġjati biex sakemm l-imputat iservi din is-sentenza ta' priġunerija, il-każ tiegħu minn fejn il-Kummissarju tar-Refuġjati fis-**<u>17 ta' Ottubru 2019</u>** iddeċidiet li l-imputat għandu jagħmel l-applikazzjoni għall-ażil l-Italja u mhux f'Malta, tkun deċiza. It-talba quddiem il-Bord tal-Appelli tar-Refuġjati saret fit-**<u>28 ta' Jannar 2020</u>**. Dan biex immedjatament x'ħin jiskonta s-sentenza jkun deportat lejn l-Italja minn fejn kien qabel ġie f'pajjiżna. Il-Qorti li kellha esperjenza li tmexxi il-Bord tal-Appelli tar-Refuġjati sa Ġunju 2015, tħoss li wasal iż-żmien li f'każijiet mingħajr kumplikazzjonijiet legali bhal dan, il-Bord tal-Appelli tar-Refuġjati għandu jiddeċiedi dawn il-każijiet f'qasir żmien mhux aktar tard minn tlett xhur minn meta l-Kummissarju tar-Refuġjati jagħti d-deċiżjoni tiegħu.

| | |
|---|---|
| **Dr. Joseph Mifsud** | **Mary Jane Attard** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |

[28] Spejjeż għall-espert Jonathan Mizzi